MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2005

Rikors Numru. 119/2005

Kawza fil-lista: 9

**Saviour Farrugia bhala ufficjal inkarigat mit-Taqsima Arretrati ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta**
**vs**
**Raymond Agius**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti ppremettiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet Saviour Farrugia bhala ufficjal inkarigat mit-Taqsima Arretrati, ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta kontra Raymond Agius (Cit. Nru. 707/95FD) giet deciza min din il-Qorti fil-25 ta' Frar, 1997, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas lill-Korporazzjoni Telemalta s-

somma ta’ Lm543.23 (hames mija tlieta u erbghin liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 675872 li kien installat fil-fond ‘Flick’ Sanctuary Street, Zabbar bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi is-Socjeta’ Maltacom p.l.c. illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess Socjeta rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b’hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm106.85 (mija u sitt liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu) spejjez u drittijiet profesjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument “A” kif ukoll Lm336.80 (tlett mija sitta u tletin liri Maltin u tmenin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta’ Lm986.88 (disgha mija sitta u tmenin liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-Socjeta esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jipprezenta nota risposta u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta gustifikata.

Fil-kontumacja tal-intimat tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------